# FTEHIM
# BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA
# U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA, MINN NAĦA WAĦDA,
# U R-REPUBBLIKA TA' L-AFRIKA T'ISFEL, MIN-NAĦA L-OĦRA,
# LI JEMENDA L-FTEHIM
# DWAR IL-KUMMERĊ, L-IŻVILUPP U L-KOPERAZZJONI

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA,

MALTA,

IR-RENJU TA' L-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TA’ L-ISVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA’ FUQ,

Partijiet Kontraenti fit-Trattat li jistabbilixxi L-KOMUNITÀ EWROPEA,

minn hawn 'il quddiem imsejħin "l-Istati Membri", u

IL-KOMUNITÀ EWROPEA,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Komunità",

u

IR-REPUBBLIKA TA’ L-AFRIKA T’ISFEL,

flimkien minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-Partijiet"

WARA LI KKUNSIDRAW LI l-Ftehim dwar il-Kummerċ, l-Iżvilupp u l-Koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ it-"TDCA"), ġie ffirmat fi Pretorja fil-11 ta' Ottubru 1999 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004;

WARA LI KKUNSIDRAW LI l-Artikoli 18 u 103 tat-TDCA jistipulaw reviżjoni tal-Ftehim fi żmien ħames snin mid-dħul tiegħu fis-seħħ; li l-Partijiet għamlu reviżjoni fl-2004 u qablu dwar dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill tal-Koperazzjoni tat-23 ta' Novembru 2004 dwar il-ħtieġa li jsiru ċerti emendi fit-TDCA;

WARA LI KKUNSIDRAW LI r-reviżjoni tad-dispożizzjonijiet tat-TDCA dwar il-kummerċ u materji konnessi mal-kummerċ hija suġġett tan-negozjati dwar Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi tan-Nofsinhar ta' l-Afrika;
WARA LI KKUNSIDRAT LI l-Pjan ta' Azzjoni Konġunt biex tiġi implimentata s-Sħubija Strateġika bejn ir-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel u l-Unjoni Ewropea ġie konkluż u jipprevedi estensjoni ta' koperazzjoni bejn il-Partijiet f'firxa wiesgħa ta' oqsma;

QABLU KIF ĠEJ:

ARTIKOLU 1

It-TDCA huwa b'dan emendat kif ġej:

1) Fil-preambolu, għandha tiżdied is-sitt premessa:

"Waqt li jirrikonoxxu li s-sistema tat-trattat tad-diżarm multilaterali u n-non-proliferazzjoni fil-komponenti kollha tagħha hija ta' importanza vitali u li għandu jsir progress fl-implimentazzjoni ta' l-obbligi kollha li joħorġu minnha; il-Partijiet għalhekk jixtiequ jinkludu klawsola f'dan il-ftehim, li tippermettilhom li jikkoperaw u li jkollhom djalogu politiku dwar dawn il-kwistjonijiet."

2) Fl-Artikolu 2, l-ewwel paragrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Ir-rispett lejn il-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif stipulati fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, u għall-prinċipji ta' l-istat tad-dritt, kif ukoll il-koperazzjoni fuq kwistjonijiet ta' diżarm u n-non-proliferazzjoni ta' l-armi ta' distruzzjoni massiva kif stipulati fl-Artikolu 91A, paragrafi 1 u 2, jirfdu l-politika interna u internazzjonali ta' l-Unjoni Ewropea u l-Afrika t'Isfel u jsawru l-elementi essenzjali ta' dan il-ftehim.

3) L-Artikolu 55 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 55

Is-soċjeta ta' l-informazzjoni u l-ICTs

1. Il-Partijiet jaqblu li jikkoperaw fl-iżvilupp tas-Soċjetà ta' l-Informazzjoni, u biex jutilizzaw it-teknoloġiji ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICTs) bħala l-għodod li jagħmlu possibbli l-iżvilupp soċjo-ekonomiku fl-era ta' l-informazzjoni. L-għan tal-koperazzjoni ser ikun sabiex:

(a) tingħata promozzjoni għall-iżvilupp ta' soċjetà ta' l-informazzjoni inklużiva u orjentata lejn l-iżvilupp;

(b) jingħata appoġġ għat-tkabbir u l-avvanz tas-settur ta' l-ICT, inkluż l-SMME[1];

(c) jingħata appoġġ għall-koperazzjoni bejn il-pajjiżi tar-reġjun tan-nofsinhar ta' l-Afrika f'dan il-qasam, u b'mod aktar ġenerali fil-livell kontinentali.

2. Il-koperazzjoni għandha tinkludi djalogi, skambju ta' informazzjoni u possibilment assistenza teknika fuq diversi aspetti fil-bini tas-soċjetà ta' l-informazzjoni. Dan jinkludi:

(a) linji ta' politika u oqfsa regolatorji, applikazzjonijiet u servizzi innovattivi u inklużivi, żvilupp ta' ħiliet;

[1] Intrapriżi ta' daqs żgħir ħafna, żgħir jew medju

(b) tiġi ffaċilitata l-interazzjoni bejn l-awtoritajiet regolatorji, l-entitajiet tas-settur pubbliku, in-negozji u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

(c) faċilitajiet ġodda, inklużi netwerks ta' riċerka u edukazzjoni, li jiffukaw fuq l-interkonnessjonijiet ta' dawn in-netwerks u l-interoperabilità ta' l-applikazzjonijiet;

(d) promozzjoni u implimentazzjoni ta' riċerka konġunta, żvilupp teknoloġiku fi proġetti fil-qasam ta' teknoloġiji ġodda relatati mas-soċjetà ta' l-informazzjoni;

Proġetti identifikati miż-żewġ naħat li jirriżultaw minn interazzjonijiet fil-kwistjonijiet imsemmija aktar 'il fuq għandhom jiġu kkunsidrati biex jiġu implimentati permezz tal-programm tal-koperazzjoni fl-iżvilupp."

4) L-Artikolu 57 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Is-sentenza introduttorja ta' l-ewwel paragrafu għandha tinbidel b'dan li ġej:

"1. L-għan tal-koperazzjoni f'dan il-qasam huwa *inter alia*:"

(b) Il-paragrafu 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"2. Il-koperazzjoni għandha timmira speċifikament biex:

(a) tappoġġa l-iżvilupp ta' politika adatta dwar l-enerġija, il-qafas regolatorju u l-infrastruttura tagħha fl-Afrika t'Isfel;

(b) tiżgura s-sigurtà fil-provvista ta' l-enerġija fl-Afrika t'Isfel billi tiddiversifika s-sorsi ta' l-enerġija;

(c) ittejjeb l-istandards tal-prestazzjoni ta' l-operaturi fl-enerġija f'termini tekniċi, ekonomiċi, ambjentali u finanzjarji speċjalment fis-setturi ta' l-elettriku u l-karburanti likwidi;

(d) tiffaċilita t-trawwim tal-ħiliet ta' kompetenzi lokali speċjalment b'taħriġ ġenerali u tekniku;

(e) tiżviluppa sorsi ta' enerġija ġodda u li jiġġeddu u tappoġġa l-infrastruttura għall-ħtiġijiet nazzjonali u rurali ta' l-enerġija u l-provvista ta' l-elettriku,

(f) ittejjeb l-użu razzjonali ta' l-enerġija fil-bini u fl-industrija partikolarment bil-promozzjoni ta' l-effiċjenza fl-enerġija;

(g) tippromwovi t-trasferiment bejn iż-żewġ naħat u l-użu ta' teknoloġiji ta' l-enerġija favorevoli għall-ambjent u aktar nodfa;

(h) tippromwovi l-koperazzjoni fir-regolamentazzjoni tas-settur ta' l-enerġija fir-reġjun tan-nofsinhar ta' l-Afrika;

(i) tippromwovi koperazzjoni reġjonali dwar l-enerġija fin-nofsinhar ta' l-Afrika."

(c) Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied ma’ l-Artikolu 57:

"3. Il-koperazzjoni ser tinkludi l-attivitajiet ta' l-Afrika t'Isfel li jsiru fil-qafas ta' l-Inizjattiva dwar l-Enerġija ta' l-Unjoni Ewropea għall-Qerda tal-Faqar u għall-Iżvilupp Sostenibbli, il-Pjan ta' Johannesburg għall-Miri ta' l-Implimentazzjoni u l-Kummissjoni tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli."

5) L-Artikolu 58 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1(a) il-kliem "saħħa u sigurtà" għandhom jiġu sostitwiti minn "saħħa, sigurtà u ambjentali".

(b) Fil-paragrafu 1(b) it-tieni sentenza għandha tinbidel bi "Il-koperazzjoni għandha tinkludi l-ħolqien ta' klima ta' benefiċċju għaż-żewġ naħat biex jiġi attirat l-investiment fis-settur, partikolarment l-SMEs[1], u għandha wkoll tinvolvi l-komunitajiet li qabel kienu żvantaġġati."

(c) Il-punt li ġej għandu jiżdied mal-paragrafu 1:

"(d) b'appoġġ għal-linji politiċi u l-programmi li jippromwovu l-ipproċessar lokali tal-minerali u li joħolqu opportunitajiet għall-kollaborazzjoni fl-iżvilupp tas-settur ta' l-ipproċessar tal-minerali."

(d) Il-paragrafu 1(d) għandu jingħata n-numru ġdid 1

[1] Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju

(e) Fil-paragrafu 2, fl-aħħar, għandu jiżdied il-kliem "u s-Sħubija Afrikana tal-Minijieri (AMP)".

6) L-Artikolu 59 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1(b), wara l-kliem "netwerk tat-trasport", għandu jidħol il-kliem "sikur u".

(b) Fil-paragrafu 2 (c), wara kliem "titjib tas-sigurtà tat-traffiku ta' l-ajru", għandu jidħol il-kliem "tal-ferroviji".

(c) Fil-paragrafu 2, għandhom jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(d) skambju ta' informazzjoni u titjib fil-koperazzjoni fil-politika u l-prattika rispettiva dwar is-sikurezza u s-sigurtà tat-trasport, speċjalment fir-rigward tas-setturi tat-trasport marittimu, ta' l-avjazzjoni u ta' l-art inklużi l-flussi intermodali ta' l-oġġetti;

(e) armonizzar tal-linji ta' politika dwar it-trasport u l-oqfsa regolatorji permezz ta' djalogu politiku msaħħaħ u skambji ta' għarfien regolatorju u operattiv ma' l-awtoritajiet kompetenti;

(f) żviluppar ta' sħubijiet fil-qasam tas-sistemi globali ta' navigazzjoni bis-satellita, li jinkludu żvilupp fir-riċerka u t-teknologija, u l-applikazzjoni tagħhom għall-iżvilupp sostenibbli."

7) Għandu jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 59A

Trasport marittimu

1. Il-Partijiet għandhom, bl-għan li jippromwovu l-iżvilupp ta' l-industrija marittima tagħhom, jinkoraġġixxu lill-awtoritajiet kompetenti, kumpanniji tat-tbaħħir, portijiet, istituzzjonijiet rilevanti tar-riċerka, kumpanniji marittimi ta' maniġġar tal-merkanzija, kumpanniji ta' loġistika, universitajiet u kulleġġi tagħhom biex jikkoperaw, inkluż, iżda mhux biss, fl-oqsma li ġejjin:

(a) jiskambjaw fehmiet dwar l-attivitajiet tagħhom fil-qafas ta' l-organizzazzjonijiet marittimi internazzjonali;

(b) jifformulaw u jipperfezzjonaw il-leġislazzjoni dwar it-trasport marittimu u l-amministrazzjoni tas-suq;

(c) jistinkaw għal servizz tat-trasport effiċjenti għall-kummerċ internazzjonali bil-baħar bit-tħaddim u l-maniġġar effettiv tal-portijiet u l-flotot tal-Partijiet;

(d) jinfurzaw l-istandards u r-regolamenti legali internazzjonalment vinkolanti dwar is-igurtà marittima u jimpedixxu t-tniġġis tal-baħar;

(e) jippromwovu l-edukazzjoni u t-taħriġ marittimu, speċjalment fit-taħriġ tal-baħħara;

(f) jiskambjaw persunal, informazzjoni xjentifika u teknoloġija;

(g) isaħħu l-isforzi biex titjieb is-sigurtà marittima.

2. Il-Partijiet jirriaffermaw l-impenji sodi tagħhom lejn il-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti li huma rratifikaw, li jirregolaw it-trasport ta' materjal bijoloġiku, kimiku u nukleari perikoluż, u jaqblu li jikkoperaw dwar dawn il-kwistjonijiet kemm bilateralment u anke f'fora multilaterali.

3. Il-koperazzjoni f'dan ir-rigward tista' ssir permezz ta' programmi ta' bini ta' kapaċità żviluppati b'mod konġunt dwar is-sigurtà u l-ambjent."

8) L-Artikolu 60 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1(c) għandu jinbidel b'dan li ġej

"(c) jippromwovu l-iżvilupp ta' prodotti u swieq, riżorsi umani u strutturi istituzzjonali;"

(b) Il-paragrafu 1 (e) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(e) jikkoperaw fl-iżvilupp u l-promozzjoni ta' turiżmu bbażat fil-komunità;"

(c) Il-paragrafu 2(e) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(e) promozzjoni ta' koperazzjoni fil-livell reġjonali u kontinentali."

9) L-Artikolu 65 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, il-kliem "għandu jsir f'kuntest ta' djalogu u sħubija politika" għandu jinbidel għal "għandu jsir f'kuntest ta' djalogu politiku, sħubija u effettività ta' l-għajnuna."

(b) Fil-paragrafu 3, fl-aħħar, għandu jiżdied il-kliem "u b'mod partikolari l-kisbiet ta' l-Għanijiet ta' Żvilupp għall-Millennju (MDG's)".

10) Għandu jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 65A
Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju

Il-Partijiet jirriaffermaw l-impenn tagħhom fil-kisba ta' l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju sad-data prevista jiġifieri l-2015. Il-Partijiet jaqblu wkoll biex jirduppjaw l-isforzi tagħhom biex jonoraw l-impenji tagħhom fir-rigward tal-Finanzjament Monterrey għall-Iżvilupp[1], kif ukoll biex jiksbu r-riżultati tal-Pjan ta' Implimentazzjoni ta' Johannesburg (WSSD[2]). Aktar minn hekk il-Partijiet jesprimu l-appoġġ tagħhom għall-Unjoni Afrikana u l-programm soċjo-ekonomiku tagħha, u se jimmobilizzaw b'mod konġunt ir-riżorsi għall-implimentazzjoni tiegħu."

[1] Il-konferenza internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp saret f'Monterey, il-Messiku f'Marzu 2002, li tat bħala riżultat il-Kunsens Monterrey u serje ta' impenji adottati għall-finanzjament futur ta' l-għajnuna għall-iżvilupp u l-qerda tal-faqar fid-dinja.

[2] Summit dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli.

11. L-Artikolu 66 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-oqsma ta' koperazzjoni għall-iżvilupp se jkunu stabbiliti f'dokumenti maqbula b'mod konġunt dwar l-Ipprogrammar Pluriennali, inklużi dokumenti konġunti ta' pprogrammar maqbula ma' l-Istati Membri ta' l-UE, skond l-istrumenti rilevanti ta' koperazzjoni ta' l-UE."

(b) Fil-paragrafu 2 il-kliem "imsieħba u atturi mhux governattivi ta' l-iżvilupp" għandha tinbidel bi "atturi mhux ta' l-istat".

(c) Fil-paragrafu 3 l-kelma "qabel" għandha titħassar.

12. L-Artikolu 67 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 67
Benefiċjarji eliġibbli

L-imsieħba tal-koperazzjoni eliġibbli għal assistenza finanzjarja u teknika għandhom ikunu awtoritajiet nazzjonali, provinċjali u lokali u korpi pubbliċi, atturi mhux ta' l-istat u organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet reġjonali u internazzjonali."

13) L-Artikolu 68 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1 il-kelmiet "monitoraġġ minn awdituri u missjonijiet ta' sorveljanza" għandhom jinbidlu bi "monitoraġġ, verifiki u missjonijiet oħrajn"

(b) Fil-paragrafu 2 (c) il-kelma "imsieħeb mhux governattivi" għandha tinbidel bi "attur mhux ta' l-istat".

(c) Fil-paragrafu 4 il-kelma "jista'" għandha tinbidel bi "se".

14) L-Artikolu 69 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1 il-kelmiet "ibbażati fuq għanijiet speċifiċi meħuda mill-prijoritajiet fl-Artikolu 66 u" għandhom jitħassru.

(b) Fil-paragrafu 2 il-kelmiet "mehmuż mal-Programm Indikattiv Pluriennali" għandhom jinbidlu bi "stabbilit fil-Ftehim u/jew kuntratti li jirregolaw proġetti individwali u programmi".

15) L-Artikolu 71 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1 il-kelmiet "proposta ta' finanzjament" għandhom jinbidlu bi "Pjan ta' Azzjoni Annwali".

(b) Fil-paragrafu 2 il-kelmiet "proposta ta' finanzjament" għandhom jinbidlu bi "Pjan ta' Azzjoni Annwali".

16) L-Artikolu 73 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1 il-kelmiet "L-Afrika t'Isfel u l-Istati ta' l-AKP", għandhom jinbidlu bi "l-Afrika t'Isfel, l-Istati ta' l-AKP u pajjiżi u territorji li huma eliġibbli skond ir-regolamenti tal-ħelsien mill-irbit tal-KE".

(b) Fil-paragrafu 2 il-kelmiet "L-Afrika t'Isfel u l-Istati ta' l-AKP", għandhom jinbidlu bi "l-Afrika t'Isfel, l-Istati ta' l-AKP u pajjiżi u territorji li huma eliġibbli skond ir-regolamenti tal-ħelsien mill-irbit tal-KE".

17. F'Artikolu 76 il-kelmiet "Kunsill Koperazzjoni" għandhom jinbidlu bi "Il-Kunsill tal-Ministri ta' l-UE".

18. F'Artikolu 77 il-kelmiet "Kunsill Koperazzjoni" għandhom jinbidlu bi "Il-Kunsill tal-Ministri ta' l-UE".

19. L-Artikolu 79 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fit-titolu ta' l-Artikolu il-kelma "Kap" għandha titħassar.

(b) Fit-test ta' l-Artikolu il-kelmiet "Uffiċjal Prinċipali li Jawtorizza" għandhom jinbidlu bi "Uffiċjal li Jawtorizza".

20. F'Artikolu 82 l-ewwel sentenza tal-paragrafu 2 għandha titħassar.

21. L-Artikolu 83 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 83
Xjenza u Teknoloġija

1. Il-Partijiet se jfittxu li jaħdmu bi sħab fl-oqsma tax-xjenza u t-teknoloġija b'mod li jibbenefikaw it-tnejn, filwaqt li tkun promossa l-koperazzjoni taħt il-Programmi Qafas ta' l-Unjoni Ewropea, fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet tal-ftehim ta' koperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija, konkluż f'Novembru 1997, u fil-kuntest tal-Ftehim preżenti u strumenti rilevanti oħra. Il-Partijiet se jagħtu kunsiderazzjoni speċjali biex jisfruttaw ix-xjenza u t-teknoloġija biex jappoġġaw it-tkabbir sostenibbli u l-iżvilupp ta' l-Afrika t'Isfel, b'mod konsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, kif ukoll ma' l-avvanz ta' l-aġenda globali ta' żvilupp sostenibbli u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet fix-xjenza u t-teknoloġija ta' l-Afrika t'Isfel.

Il-Partijiet se jieħdu sehem fi djalogu regolari bil-għan li flimkien jidentifikaw prijoritajiet għall-koperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija.

2. Ir-relazzjoni ta' koperazzjoni se tinvolvi fost l-oħrajn kwistjonijiet relatati max-xjenza u t-teknoloġija għall-programmi sabiex jittaffa l-faqar; skambji ta' politika dwar ix-xjenza u t-teknoloġija; sħubijiet ta' riċerka u innovazzjoni biex ikunu appoġġati l-koperazzjoni ekonomika u l-ħolqien ta' impjiegi; koperazzjoni fi programmi globali ta' riċerka tal-fruntieri u infrastrutturi globali ta' riċerka; appoġġ għall-programmi kontinentali u reġjonali ta' l-Afrika dwar ix-xjenza u t-teknoloġija; tisħiħ tad-djalogu u sħubijiet multilaterali dwar ix-xjenza u t-teknoloġija; sfruttament tas-sinerġija bejn il-koperazzjoni multilaterali u bilaterali dwar ix-xjenza u t-teknoloġija; żvilupp tal-kapital uman u l-mobbiltà globali ta' riċerkaturi; u koperazzjoni kkonċentrata u mmirata f'oqsma tematiċi speċifiċi tax-xjenza u t-teknoloġija kif identifikati b'mod konġunt mill-Partijiet."

22) L-Artikolu 84 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1 fl-aħħar, għandhom jiżdiedu l-kelmiet", inkluż fil-kuntest tal-*fora* tan-Nazzjonijiet Uniti u oħrajn multilaterali."

(b) Fil-paragrafu 3, il-kelma "il-" qabel il-kelmiet "ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-foresti;" għandha titħassar; wara l-kelmiet "kontroll tal-kwalità ta' l-ilma", għandhom jiddaħħlu "kwalità ta' l-arja;" il-kelmiet "madwar it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra" għandhom jinbidlu bi "relatati mal-kawżi u l-impatti tal-bidla fil-klima."

23) L-Artikolu 85 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 85
Kultura

1. Dispożizzjoni Ġenerali, Djalogu ta' Orjentazzjoni

(a) Il-Partijiet għandhom ifittxu li jikkoperaw fl-isfera tal-kultura sabiex jippromwovu fehim reċiproku u l-għarfien dwar il-kultura(i) ta' l-Afrika t'Isfel, u ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

(b) Il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom biex jistabbilixxu djalogu ta' orjentazzjoni fil-qasam tal-kultura, b'mod partikolari fir-rigward tat-tisħiħ u l-iżvilupp ta' settur kompetittiv ta' l-industriji tal-kultura fl-Afrika t'Isfel u l-Unjoni Ewropea.

2. Diversità Kulturali u Djalogu Interkulturali

Il-partijiet għandhom ifittxu li jikkoperaw fil-qafas tal-fora internazzjonali rilevanti (eż l-UNESCO) sabiex isaħħu l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità kulturali u biex irawmu d-djalogu interkulturali f'livell internazzjonali.

3. Koperazzjoni u Skambji Kulturali

Il-Partijiet għandhom jinkoraġġixxu l-koperazzjoni f'attivitajiet kulturali, parteċipazzjoni f'avvenimenti u skambji kulturali bejn l-operaturi kulturali mill-Afrika t'Isfel u l-Unjoni Ewropea."

24) L-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 86 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-Partijiet se jieħdu sehem fi djalogu fil-qasam ta' l-impjiegi u l-politika soċjali. Dan għandu jinkludi, imma mhux neċessarjament ikun limitat għal, kwistjonijiet relatati ma' problemi soċjali ta' soċjetà ta' wara l-apartheid, taffija tal-faqar, xogħol deċenti għal kulħadd, protezzjoni soċjali, qgħad, ugwaljanza bejn is-sessi, vjolenza fuq in-nisa, drittijiet tat-tfal, persuni b'diżabbiltà, anzjani, żgħażagħ, relazzjonijiet tax-xogħol, saħħa pubblika, sigurtà fuq il-post tax-xogħol u popolazzjoni."

25) L-Artikolu 90 għandu jinbidel b'dan li ġej:

*"Artikolu 90*
*Koperazzjoni rigward Drogi Illegali*

1. Fi ħdan is-setgħat u l-kompetenzi rispettivi tagħhom, il-Partijiet għandhom jikkoperaw bies jassiguraw strateġija bbilanċjata u integrata fir-rigward tat-trattament tal-problema tad-drogi. Il-politika u l-azzjonijiet rigward id-drogi għandhom ikunu mmirati sabiex inaqqsu l-provvista ta', it-traffikar fi u d-domanda għal drogi illegali, kif ukoll il-prevenzjoni ta' l-iżvijar tal-prekursuri.

2. Il-Partijiet għandhom jiftiehmu dwar il-metodi ta' koperazzjoni biex jilħqu dawn l-objettivi. L-azzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji li dwarhom kien hemm ftehim fis-Sessjoni Speċjali ta' l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-1998 dwar id-Drogi u r-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem."

26. L-Artikolu 91 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) It-titolu għandu jinbidel b'dan li ġej

"Protezzjoni tad-Data Personali

(b) Il-paragrafu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej

"1. Il-Partijiet għandhom jikkoperaw biex itejbu l-livell ta' protezzjoni tad-data personali sa l-ogħla standards internazzjonali. bħal, per eżempju, il-Linji Gwida għar-regolament dwar il-fajls tad-data personali kompjuterizzati, immodifikati mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fl-20 ta' Novembru 1990 u biex jiffaċilitaw l-iskambju tad-data skond il-leġislazzjoni nazzjonali applikabbli, bir-respett lejn l-ogħla standards internazzjonali li jinkludu l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali."

(c) Il-paragrafu 3 għandu jitħassar.

27. Għandhom jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"Artikolu 91A
Armi ta' distruzzjoni massiva u l-mezzi ta' kif jitwasslu

1. Il-Partijiet, meta wieħed iqis l-importanza tal-kwistjonijiet involuti għall-istabbiltà u s-sigurtà internazzjonali, jaqblu li jikkoperaw u jikkontribwixxu biex isaħħu d-diżarm multilaterali u s-sistema ta' non-proliferazzjoni u f'dak il-kuntest jikkontrapponu l-proliferazzjoni ta' l-armi kollha ta' distruzzjoni massiva u l-mezz ta' kif jitwasslu permezz ta' konformità sħiħa ma' u l-implimentazzjoni nazzjonali ta' l-obbligi u l-impenji rispettivi eżistenti tagħhom skond it-trattati rilevanti u l-ftehim u obbligi internazzjonali rilevanti oħrajn.

2. Barra minn hekk il-partijiet jaqblu li jikkoperaw u jikkontribwixxu biex jilħqu dawn l-objettivi billi:

(a) Jieħdu passi biex jiffirmaw, jirratifikaw jew jaċċedu għal strumenti internazzjonali rilevanti oħrajn dwar id-diżarm u n-non-proliferazzjoni, skond il-każ, u jimplimentaw u jikkonformaw bis-sħiħ ma' l-istrumenti internazzjonali kollha li huma legalment vinkolanti;

(b) Jistabbilixxu u/jew iżommu fis-seħħ sistema effettiva ta' kontrolli nazzjonali ta' l-esportazzjoni, li tikkontrolla l-esportazzjoni kif ukoll it-transitu ta' l-oġġetti relatati ma' l-armi ta' distruzzjoni massiva, li tinkludi kontroll ta' l-użu partikolari ta' l-armi ta' distruzzjoni massiva fuq teknoloġiji ta' użu doppju, u li fiha miżuri effettivi, li jinkludu dawk ibbażati fuq il-liġi penali biex jindirizzaw ksur fil-kontrolli ta' l-esportazzjoni.

3. Il-Partijiet jaqblu li l-paragrafi wieħed u tnejn ta' dan l-artikolu jikkostitwixxu element essenzjali ta' dan il-Ftehim. Il-Partijiet jaqblu li jistabbilixxu djalogu politiku regolari li se jakkumpanja u jikkonsolida l-koperazzjoni tagħhom f'dan il-qasam fil-kuntest tal-prinċipji kif stabbilit fil-Preambolu."

"Artikolu 91B

Il-ġlieda kontra t-terroriżmu

1. Il-Partijiet jikkundannaw bil-qawwa kull att, metodu u prattika ta' terroriżmu f'kull forma u manifestazzjoni tagħhom bħala kriminali u inġustifikabbli, isiru fejn isiru u jitwettqu minn min jitwettqu.

2. Barra minn hekk il-Partijiet jirrikonoxxu bil-qawwa li t-terroriżmu ma jistax jingħeleb mingħajr ma jiġu indirizzati b'mod fundamentali l-fatturi li jwasslu biex it-terroriżmu jinfirex. Il-Partijiet itennu l-impenn qawwi tagħhom biex jiżviluppaw u jimplimentaw programmi ta' azzjoni komprensivi mmirati biex jeliminaw dawn il-fatturi. Il-Partijiet jissottolineaw il-fatt li l-ġlieda kontra t-terroriżmu għandha ssir b'rispett sħiħ għal-liġi internazzjonali, id-drittijiet tal-bniedem u l-liġi dwar ir-refuġjati u li l-miżuri kollha għandhom ikunu bbażati sew fuq l-istat tad-dritt. Il-Partijiet jisħqu li l-miżuri effettivi ta' kontra t-terroriżmu u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem mhumiex għanijiet konfliġġenti imma huma kumplimentari u jsaħħu wieħed lill-ieħor.

3. Il-Partijiet jisħqu dwar l-importanza ta' l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija Globali tan-NU ta' Kontra t-Terroriżmu u dwar ir-rieda tagħhom li jaħdmu għal dan l-objettiv. Huma jibqgħu impenjati biex jilħqu ftehim fuq il-Konvenzjoni Komprensiva dwar it-Terroriżmu Internazzjonali mill-aktar fis possibbli.

4. Il-Partijiet jaqblu li jikkoperaw fil-prevenzjoni u t-trażżin ta' l-atti terroristiċi skond il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u l-liġi internazzjonali, il-konvenzjonijiet u l-istrumenti rilevanti u fl-ambitu tal-leġislazzjoni u r-regolamenti rispettivi tagħhom. Għandhom jagħmlu dan b'mod partikolari:

(a) fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni reċiproka tar-Riżoluzzjoni 1373 (2001) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u riżoluzzjonijiet rilevanti oħrajn tan-NU, u konvenzjonijiet u strument internazzjonali applikabbli;

(b) permezz ta' skambju ta' informazzjoni dwar gruppi terroristiċi u n-netwerks li jappoġġawhom, bi qbil reċiproku u skond il-liġi internazzjonali u nazzjonali;

(c) bl-iskambju ta' ideat dwar il-mezzi u l-metodi użati kontra t-terroriżmu, inklużi fl-oqsma tekniċi u t-taħriġ, u bl-iskambju ta' l-esperjenzi fil-prevenzjoni tat-terroriżmu."

"Artikolu 91C
Money laundering u l-finanzjament tat-terroriżmu

1. Il-Partijiet jaqblu dwar il-ħtieġa li jsir kull sforz u li jikkoperaw sabiex jipprevjenu l-użu tas-sistemi finanzjarji tagħhom għal laundering ta' dħul minn attivitajiet kriminali in ġenerali u b'mod partikolari minn reati relatati mad-drogi illegali u sustanzi psikotropiċi.

2. Il-koperazzjoni f'dan il-qasam tista' tinkludi assistenza amministrattiva u teknika bil-għan li tkun żviluppata l-implimentazzjoni tar-regolamenti u tal-funzjonament effiċjenti ta' l-istandards u l-mekkaniżmi xierqa għall-ġlieda kontra l-money laundering u ta' l-iffinanzjar tat-terroriżmu ekwivalenti għall-istandards internazzjonali, u b'mod partikolari għar-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF)."

"Artikolu 91D
Il-Ġlieda kontra l-Kriminalità Organizzata

Il-Partijiet jaqblu li jikkoperaw fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u finanzjarja inkluża l-korruzzjoni. Koperazzjoni bħal din timmira b'mod partikolari biex timplimenta u tippromwovi l-istandards u l-istrumenti internazzjonali rilevanti, bħall-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Kriminalità Transnazzjonali Organizzata u l-Protokolli supplimentari tagħha u l-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni."

"Artikolu 91E

Armi żgħar u armamenti ħfief

Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-manifatturar, il-ħażna, l-pussess u l-kummerċ illegali fl-armi żgħar u l-armamenti ħfief u l-akkumulazzjoni eċċessiva u t-tixrid tagħhom mingħajr rażan għadhom qed jikkontribwixxu bil-kbir għall-instabbiltà u huma ta' theddida għas-sigurtà, is-sikurezza u l-iżvilupp sostenibbli. Għalhekk il-Partijiet jaqblu li jfittxu u jiżviluppaw ulterjorment koperazzjoni mill-qrib sabiex jipprevjenu, jikkumbattu u jeredikaw il-kummerċ illegali fl-armi ż-żgħar u l-armamenti ħfief fl-aspetti kollha tiegħu bħalma hu stabbilit fil-Programm ta' Azzjoni tan-NU (UNPoA) u biex jindirizzaw il-kwistjoni ta' l-akkumular eċċessiv ta' armi żgħar u armamenti ħfief. Il-Partijiet jaqblu li josservaw rigorożament u jimplimentaw b'mod sħiħ l-obbligi tagħhom skond il-liġi internazzjonali u l-konvenzjonijiet rilevanti, kif ukoll l-impenn tagħhom f'termini ta' strumenti multilaterali rilevanti."

"Artikolu 91F

Merċenarji

Il-Partijiet jimpenjaw ruħhom li jistabbilixxu djalogu politiku regolari u biex jikkoperaw fil-prevenzjoni ta' attivitajiet merċenarji skond l-obbligi tagħhom taħt il-konvenzjonijiet u l-istrumenti internazzjonali, u l-leġislazzjonijiet u r-regolamenti rispettivi tagħhom li jimplimentaw tali obbligi."

" Artikolu 91G

Qorti Kriminali Internazzjonali

Il-Partijiet, iddeterminati li jtemmu l-impunità u biex jippromwovu l-paċi u s-sigurtà internazzjonali u r-rispett dejjiemi ta' l-infurzar tal-ġustizzja internazzjonali, itennu l-appoġġ tagħhom għall-Qorti Kriminali Internazzjonali u x-xogħol tagħha. Barra minn hekk il-Partijiet jaqblu li jikkoperaw u jippromwovu l-universalità u l-integrità ta' l-Istatut ta' Ruma u l-istrumenti relatati u jaqblu li jsaħħu l-koperazzjoni tagħhom ma' l-ICC u x-xogħol tagħha.

"Artikolu 91H

Koperazzjoni rigward il-migrazzjoni

1. Il-migrazzjoni se tkun is-suġġett ta' djalogu politiku fil-fond, li jirrifletti l-importanza li l-Partijiet jagħtu lil dan il-qasam.

Il-Partijiet itennu l-impenn tagħhom lejn l-obbligi eżistenti skond il-liġi internazzjonali dwar il-materji konnessi mal-migrazzjoni biex jassiguraw rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem u biex jeliminaw kull forma ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-oriġini, is-sess, ir-razza, il-lingwa u r-reliġjon.

2. Bil-ħsieb li jsaħħaħ il-koperazzjoni bejn il-Partijiet, dan id-djalogu għandu jkopri aġenda wiesgħa u komprensiva, li tinkludi:

(a) trattament ġust ta' ċittadini barranin li jirrisjedu illegalment fit-territorji tagħhom, politika ta' integrazzjoni immirata biex tagħtihom drittijiet u obbligi simili għal dawk taċ-ċittadini tagħhom, isaħħu n-non-diskriminazzjoni fil-ħajja ekonomika, soċjali u kulturali u jiżviluppaw miżuri protettivi kontra r-razziżmu, il-xenofobija u l-intolleranza u l-vjolenza relatati;

(b) It-trattament li l-Istati Membru ta' l-UE jagħtu lis-Sud Afrikani impjegati legalment fit-territorju tagħhom fir-rigward ta' kundizzjonijiet ta' xogħol, remunerazzjoni u t-tkeċċija għandhom ikunu ekwivalenti għal dawk li jingħataw liċ-ċittadini tagħhom stess. Bl-istess mod l-Afrika t'Isfel għandha tagħti trattament komparabbli u mingħajr diskriminazzjoni lill-ħaddiema ta' l-UE impjegati legalment fit-territorju tagħha.

(c) kwistjonijiet ta' interess reċiproku dwar il-viżi; inkluż is-simplifikar tal-proċeduri tad-dħul għaċ-ċittadini ta' l-Afrika t'Isfel li jżuru l-UE kif ukoll għaċ-ċittadini ta' l-Istati Membri ta' l-UE li jżuru l-Afrika t'Isfel.

(d) kwistjonijiet dwar is-sigurtà u l-identità marbuta mad-dokument ta' l-ivvjaġġar;

(e) ir-rabtiet bejn il-migrazzjoni u l-iżvilupp, li jinkludu:

– strateġiji immirati biex inaqqsu l-faqar, itejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol, il-ħolqien ta' impjiegi u l-iżvilupp ta' ħiliet rilevanti,

– l-iffaċilitar tal-parteċipazzjoni tal-migranti fl-iżvilupp ta' pajjiżhom,

– koperazzjoni biex jissaħħu l-kapaċitajiet, partikolarment fis-setturi tas-saħħa u l-edukazzjoni, biex jittaffa l-impatt negattiv ta' l-'eżodu ta' l-imħuħ' fuq l-iżvilupp sostenibbli fl-Afrika t'Isfel, u

– modi kif jiġu ffaċilitati t-trasferimenti legali, mingħajr dewmien u ekonomiċi ta' flus.

(f) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni nazzjonali u l-prattiki dwar il-protezzjoni internazzjonali, bil-ħsieb li jiġu sodisfatti d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Istatus tar-Refuġjati u l-Protokoll tagħha ta' l-1967, u biex jiġi assigurat rispett lejn il-prinċipju ta' 'non-refoulment';

(g) it-tiswir ta' politika preventiva u effettiva biex tikkumbatti l-immigrazzjoni illegali, il-kuntrabandu ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin li jinkludu l-ġlieda kontra netwerks ta' kuntrabandisti u traffikanti u l-protezzjoni tal-vittmi;

(h) kwistjonijiet rilevanti relatati ma' kontroll tal-fruntieri, li jinkludu l-bini tal-kapaċitajiet, taħriġ, u l-iskambji ta' l-aħjar prattika u assistenza teknika;

(i) il-kwistjonijiet kollha relatati mar-ritorn u riammissjoni, inklużi l-ħtieġa li r-ritorni jsiru b'manjiera umana u b'dinjità u b'rispett sħiħ lejn id-drittijiet tal-bniedem, u l-promozzjoni ta' ritorni volontarji.

3. (a) Fil-qafas tal-koperazzjoni fil-prevenzjoni u t-tnaqqis ta' l-immigrazzjoni illegali, il-Partijiet jaqblu li jaċċettaw mill-ġdid il-migranti illegali tagħhom. Għal dan il-għan:

– kull Stat Membru ta' l-UE għandu jaċċetta r-ritorn u r-riammissjoni ta' kull ċittadin tiegħu li jkun preżenti illegalement fit-territorju ta' l-Afrika t'Isfel, ma' kull talba ta' l-Afrika t'Isfel u mingħajr iżjed formalitajiet;
– l-Afrika t'Isfel għandha taċċetta r-ritorn u r-riammissjoni ta' kull ċittadin tagħha li jkun preżenti illegalement f'xi wieħed mill-Istati Membri ta' l-UE, ma' kull talba ta' dak l-Istat Membru u mingħajr iżjed formalitajiet.

L-Istati Membri ta' l-UE u l-Afrika t'Isfel se jipprovdu lic-ċittadini tagħhom dokumenti xierqa ta' identità għal skopijiet bħal dawn. F'każijiet fejn ikun hemm dubju dwar in-nazzjonalità jew l-identità ta' persuna, il-Partijiet jaqblu li jidentifikaw l-allegati ċittadini tagħhom.

(b) Fuq talba tal-Partijiet għandhom jinbdew negozjati bil-mira li jiġi konkluż b'rieda tajba u b'rispett għar-regoli rilevanti tal-liġi internazzjonali, ftehim bilaterali li jirregola obbligi speċifiċi għar-riammissjoni u r-ritorn taċ-ċittadini tagħhom. Dan il-ftehim jista' jkopri wkoll, jekk il-Partijiet iqisu li jkun hemm il-ħtieġa, l-arranġamenti għar-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat. Dan se jistipula d-dettalji tal-kategoriji ta' persuni koperti minn dawn l-arranġamenti kif ukoll il-modalitajiet tar-riammissjoni u r-ritorn tagħhom."

28) L-Artikolu 94 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 94

Għotjiet

Assistenza finanzjarja fil-forma ta' għotjiet għandha tkun koperta mir-riżorsi finanzjarji li jkunu disponibbli mil-linji baġitarji tal-Kummissjoni għall-iżvilupp u l-attivitajiet dwar koperazzjoni internazzjonali fl-ambitu ta' dawk il-linji baġitarji. Il-proċedura għall-preżentazzjoni u l-approvazzjoni tat-talbiet, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ/evalwazzjoni se tkun konformi mal-kondizzjonijiet ġenerali relatati mal-linja baġitarja in kwistjoni."

29. Fl-Anness IV għall-Prokoll 1 il-verżjonijiet tal-lingwa ta' l-Afrika t'Isfel għandhom ikunu emendati kif ġej:

Il-kelmiet "Die uitvoerder van die produkte gedek deur hierdie dokument (doeanemagtiging No ...(1)) verklaar dat, uitgesonderd waar andersins duidelik aangedui, hierdie produkte van ... voorkeuroorsprong (2) is" għandhom jinbidlu bi "Die uitvoerder van die produkte gedek deur hierdie dokument (doeanemagtigingsno. ...(1)) verklaar dat, behalwe waar duidelik anders aangedui word, hierdie produkte van ... voorkeuroorsprong (2) is".

ARTIKOLU 2

Dan il-ftehim huwa mfassal f'duplikat fil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovena, Slovakka, Spanjola u dik Svediża u l-lingwi uffiċjali ta' l-Afrika ta' Isfel, minbarra l-Ingliż, jiġifieri, is-Sepedi, is-Sesoto, is-Setswana, is-isSwati, it-Tshivenda, ix-Xitsonga, l-Afrikaans, is-isiNdebele, is-isiXhosa u s-isiZulu, fejn kull wieħed minn dawn it-testi huwa awtentiku bl-istess mod.

*ARTIKOLU 3*

1. Dan il-Ftehim għandu jiġi approvat mill-Komunità, mill-Istati Membri, u mir-Repubblika ta' l-Afrika t'Isfel skond il-proċeduri tagħhom.

2. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin bit-tmiem tal-proċeduri korrispondenti li jirreferi għalihom il-paragrafu 1. L-istrumenti ta' approvazzjoni għandhom jiġu depożitati fis-Segretarjat Ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.

*ARTIKOLU 4*

Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara x-xahar li fih il-Partijiet jinnotifikaw lil xulxin li tlestew il-proċeduri meħtieġa.